# Sparpaljar ta' flus fl-isptar Monte Carmeli

2 messages

**Deguara Charles at NAO** <charles.deguara@gov.mt> Fri, Nov 8, 2019 at 1:31 PM
To: Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>, NAO at NAO <nao.malta@gov.mt>

Għażiż Sur Grech,

Nirringrazzjawk tal-interess tiegħek f'dan il-qasam.

Nixtieq ninfurmak li dan l-aħħar għamilna żewġ audits f'dak il-post.

Preżentament għaddejjin b'xogħol ieħor fuq oqsma differenti.

Inselli għalik,

Charles Deguara

**B.A. (Hons) Business Management, CIPFA Hon**

Auditor General

**National Audit Office**

**Notre Dame Ravelin, Floriana FRN 1601, Malta**

**Email:** charles.deguara@gov.mt

**Direct:** +356 22055001

Please read our Legal Notice: http://www.nao.gov.mt/emailpolicy

Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail.

**From:** Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>
**Sent:** 08 November 2019 10:37
**To:** NAO at NAO <nao.malta@gov.mt>
**Subject:** Re: [EXTERNAL] - Sparpaljar ta' flus fl-isptar Monte Carmeli

Se jkun ghadda kwazi xahar minn mindu nfurmajtkom bl-isparpaljar ta' flus fl-isptar Monte Carmeli u s' issa hadd mill-ufficju tal-Awditur ma ndenja jaghmel zjara sal-post ha jara b' ghajnejh in-nuqqasijiet gravissimi li jien semmejt. Forsi qed tistennewhom li jibdew iwaqqghu l-blokka fejn kien hemm is-swali MW3A u 3B biex jeqirdu l-evidenza? L-isparpaljar qed mhux biss f'dawn is-swali, ghax jista jigi xi hadd minnkom u ndawru dawra mal-isptar ha jara b'ghajnejh il-hela ta' flus bhal jibdew jirrangaw xi sala u mbaghad jieqaf kollox u tahwid iehor. Nistenna li jekk tibghatu lil xi hadd, jien li propju ghamilt dawn l-allegazzjonijiet nkun prezenti halli nispjega kollox.

Grazzi u tislijiet,

Nicholas Grech

On Mon, Oct 21, 2019 at 11:13 AM NAO at NAO <nao.malta@gov.mt> wrote:

> Sur Grech,
>
> Nixtiequ ninfurmawk li l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, rċieva l-email tiegħek datata 17 t'Ottubru, dwar l-Isptar Monte Carmeli.
>
> Grazzi.
>
> **Caroline Fenech**
>
> Personal Assistant
>
> **National Audit Office**
>
> **Notre Dame Ravelin, Floriana FRN 1601, Malta**
>
> **Email:** caroline.fenech@gov.mt
> **Office:** +356 22055000
>
> **Direct:** +356 22055036
>
> Please read our Legal Notice: http://www.nao.gov.mt/emailpolicy
>
> Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail.

**From:** Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>
**Sent:** 17 October 2019 22:52
**To:** NAO at NAO <nao.malta@gov.mt>
**Subject:** Re: [EXTERNAL] - Sparpaljar ta' flus fl-isptar Monte Carmeli

Qed nibghatilkom ukoll dawn ir-ritratti:

Ritratt DSCF5476.jpg juri fuq ix-xellug is-swali MW3A taht u MW3B fuq u li minhabba xi hsara li jista' jkun hemm f'parti mis-saqaf fuq in-naha tal-lemin tas-sala MW3B behsiebhom iwaqqghu iz-zewg swali, il-blokka kollha. Meta suppost gie l-perit u sempliciment fuq ghajnejh ghogbu jikkundanna dan is-saqaf (ta' MW3B) kont semmejt li ghamlu travetti u fallakki biex suppost izommu dan is-saqaf li f'salt wiehed gabuh hekk gravi li imminenti se jaqa'. Imma s-sabiha hi din. In-nursing manager tas-sala ta' taht MW3A saqsa lill-istess perit (kienu qadghu jergghu jibghatu ghalih darb'ohra, aktar sparpaljar ta' flus ghall-parir falz iehor tieghu) dwar il-possibilta li peress li dawn it-travetti gew qedghin iserhu fuq is-saqaf tas-sala tieghu (MW3A), jekk hemmx possiblita li bil-piz li qed jaghmlu jispicca jcedi dan is-saqaf ukoll tas-sala tieghu fuq din il-parti. Ovvjament, bhas-soltu minghajr ma ghamel assolutament testijiet ta' xejn (kien sempliciment hareg fil-gnien biex taparsi jidher li ghamel xi haga u qghad ihares lejn il-hitan), l-istess illustru perit ra li ahjar jghid li se jcedi ukoll milli jghid li m'hemmx problema u mbaghad jispicca jaqa', anki jekk m'hemm l-ebda possiblita ta' dan, x'jitnejjek, ghal darba ohra l-aqwa li jkun ha l-flus tas-suppost it-tieni parir falz li ta (bhalma belghuha l-ewwel darba hekk facilment, nissopponi li rraguna li jiblghuha t-tieni darba wkoll, taf int qisu qed jitkellem mat-tfal). U tant hu hekk li apparti l-pazjent ta' MW3B, minhabba din ir-raguni ddecidew kif diga semmejt li jevakwak ukoll lill-pazjenti tal-MW3A li kienu fuq dik il-parti tal-lemin fl-istess zmien f'Novembru '17, biex tara x'buzullotti. Kieku kien hemm sala ohra isfel kienu jevakwawa wkoll, imma nzerta li minflok hemm l-ufficini tal-Outreach u donnu dawk insewhom, mur ara mbilli jibqghu jahdmu meta l-istess perit kien ikkundanna iz-zewg soqfa ta' fuqhom li se jaqghu. Fi kliem semplici, l-inkonsistenza qedgha hawn: immagina jekk saqaf wiehed (ta' MW3A) il-perit ikkundannah li ma jiflahx is-saqaf ta' fuqu (ta' MW3B), ahseb wara jekk icedu t-tnejn (ir-raguni ghaliex evakwaw il-pazjenti ta' fuq u t'isfel), kemm is-saqaf tal-Outreach se jiflah il-piz id-doppju ta' dawn iz-zewg soqfa flimkien. Cioe l-istess perit bir-ragunament tar-rapport falz tieghu, tigi li hu responsabbli wkoll u ghandu jitressaq il-Qorti talli tigi li vilment hallihom jahdmu fil-periklu skont l-istess rapport falz tieghu.

Issa nigu ghall-aktar sparpaljar ta' flus. Fl-email li baghttilkom kont semmejt li gabu 2 containers barra s-swali biex fihom ipoggu xi sodod wara li kienu lahqu ramew kemm felhu minnhom bis-saqqijiet b'kollox. Izda illum il-Hamis 17 t'Ottubru jien u nirritorna mil-leave nara crane mill-kbar nett fejn dawn il-containers. Jidher li kellhom jikruh, aktar sparpaljar ta' flus ghalxejn, sempliciment biex jispjustjaw dawn il-containers ftit aktar 'l gewwa mit-triq milli kienu flok ma kienu ghamluhom fil-post it-tajjeb mill-ewwel. Iz-zewg ritratti l-ohra nkluzi f'din l-email juru l-crane u dawn il-containers QABEL gew spustjati (sakemm spustjawhom kien lahaq dalam biex nohdilhom rirtatt). Dan kollu sar bejn l-5 u s-6:30 ta' wara nofsinhar u jekk rajt sew kien hemm diversi haddiema minn tal-maintenance tal-isptar (forsi xi 4 ma stajtx nghoddom) u nassumi aktar sparpaljar ta' flus ghax kellhom izommuhom overtime wara l-hin flok kieku l-haga saret filghodu. Tant m 'hemm logistika u ppjanar ta' xejn u decisjonijiet jittiehdu b'ghagla sfrenata li qed dejjem jirrizulta f'aktar u aktar sparpaljar ta' flus mit-taxxi tal-poplu. Nahseb li biss mill-flus li ilhom ihallsu tal-kiri ta' dawn iz-2 containers, tal-kiri ta' dan il-crane biex gie jispjustjahom, u tal-kiri ta' sodod ta' pazjenti li qed jintbaghtu f'homes tal-privat, kien ikollhom bil-kif biex jirrangaw il-hsara li jista' ghandu s-saqaf tas-sala MW3B, minghajr ma kien ikollhom jidhlu f'dawn l-ispejjez kollha, u li ghadhom biss fil-bidu, immagina kemm se jititlghu bil-bosta f'miljuni aktar biex twaqqa' blokka shiha, terga tibniha u tattrezza mill-gdid, hela ta' flus il-poplu li min jaf kemm progetti ohra jistghu isiru bihom minflok.

Tislijiet,

Nicholas Grech

(ID no: [redacted]M, Mob: [redacted])

On Thu, Oct 17, 2019 at 9:56 AM NAO at NAO <nao.malta@gov.mt> wrote:

> Sur Grech,
>
> Nixtiequ ninfurmawk li l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, rċieva l-e-mails tiegħek inkluż dik li fiha r-ritratti, dwar l-Isptar Monte Carmeli.

Grazzi

**Caroline Fenech**

Personal Assistant

**National Audit Office**

**Notre Dame Ravelin, Floriana FRN 1601, Malta**

**Email:** caroline.fenech@gov.mt
**Office:** +356 22055000

**Direct:** +356 22055036

Please read our Legal Notice: http://www.nao.gov.mt/emailpolicy

Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail.

**From:** Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>
**Sent:** 16 October 2019 19:51
**To:** NAO at NAO <nao.malta@gov.mt>
**Subject:** [EXTERNAL] - Sparpaljar ta' flus fl-isptar Monte Carmeli

Kont ressaqt dan l-ilment quddiem l-Ombudsman it-Tnejn li ghadda dwar trasferiment ta' pazjenti fl-isptar Monte Carmeli izda l-aktar li ghandu jinteressa lilek hu l-parti fejn ktibt fuq l-isparpaljar sfaccat ta' flus f'dan l-isptari u nitolob l-ufficju tieghek jinvestiga wkoll kemm jista' jkun malajr.

Grazzi u tislijiet,

Nicholas Grech

(ID no: [redacted]M, Mob; [redacted])

---

---------- Forwarded message ---------
From: **Nicholas Grech** <[redacted]@gmail.com>
Date: Mon, Oct 14, 2019 at 7:01 AM

Subject: URGENT: TAKE IMMEDIATE ACTION
To: <office@ombudsman.org.mt>

Trasferimenti ta' pazjenti fl-isptar Monte Carmeli

Qed nikteb l-ufficju tieghek dwar is-sitwazzjoni fl-isptar Monte Carmeli, propju rigward is-swali tal-irgiel MW3A fl-ewwel sular u MW3B fis-sular ta' fuqha li jiffurmaw il-blokka immarkata bl-isfar fl-istampa attached ma din l-email.

Lejn forsi Awissu 2017 fis-sala ta' fuq tat-3B fuq in-naha tal-lemin (in-naha ta' Wied Incita / H'Attard) dehrilhom li s-saqaf kien qisu tbewwaq 'l isfel u kienu gabu xi perit u nissopponi biex ifarfar mir-responsabilta qabad u kkundannah li se jaqa', taf int ahjar jghid li se jaqa' u ma jaqghax milli jirriskja jghid li m'ghandu xejn u jispicca jaqa', anki jekk m'hemm l-ebda possibilta ta' dan, x'jimpurtah l-aqwa li jkun ha l-flus tal-parir superficjali li ta, x'jitnejjek. Issa jien m'hiniex perit, kont inginier li fi 15-il sena u nofs li domt nahdem qatt ma htiegli niehu gurnata sick leave mix-xoghol, u spiccajt il-Qorti u f'hakka t'ghajn minghajr bazi xjentifika (ez b'test tad-demm, brain scan, etc) imma b'daqqa ta' pinna vvintawli li ghandi ta' l-anqas 4 mardiet mentali kronaci u gravissi, imma dik storja ohra. Il-punt tieghi hu li forsi t-teorja ta' perit m'ghandix imma fil-hajja jista' jkollok skola kemm trid, fl-ahhar mill-ahhar il-prattika u l-esperjenza li taghmlek li int. Fil-ftit li li qed immur id-dar bil-leave innutajt is-saqaf tat-tromba tat-tarag tad-dar li kull fejn immiss kien idoqq (kienu jidhru xi xquq) u peress li mmidd idi ghal kollox, bdejt naqla' kull fejn il-konkos kien inqata' minn mas-saqaf u spiccajt kelli nikxef ix-xibka kwazi kollha tant kemm kien hemm hsara (ara t-tieni ritratt fejn tidher ix-xibka tas-saqaf mikxufa). Stajt facilment ikkundannajtu li ghat-twaqqigh imma vverifikajt li m'hemmx qsim fuq il-bejt f'dik il-parti jew jekk kien hemm kienu dawk ezistenti minn dejjem u ma kinux kibru fil-wisa' u serraht mohhi li m'hemmx problemi (xi haga li fil-kaz tas-sala msemmija tal-isptar x'aktarx m'ghamlux ghax kieku kien jehtigielhom jaqalghu l-membrane). Biex ma ntawwalx, nehhejt is-sadid ta' max-xibka u xtrajt il-materjal apposta biex zbajta u kahhalta b'siment apposta u kwazi lestejta u forsi swietni xi Eur150 hdimt u armajt kollox jien. Nista' nissopponi wkoll li l-perit l-anqas biss kixef sax-xibka biex jara jekk il-hadid taghha kienx ittiekel hafna bis-sadid jew le, u anki jekk ikun ittiekel sew f'xi partijiet tista' ssib bicca hadida / virga u tiwweldja minflok dik li tmermret kif kelli naghmel jien f'xi partijiet u darba tkahhal, kollox jigi b'sahhtu addiritura erga aktar mil-konkos originali ghax illum hawn materjal tajjeb biex tahdem. Ghalhekk nitolbok tivverifika jekk kienx hemm dawn in-nuqqasijiet min-naha tal-perit (cioe taf m'ghamilx it-testijiet l-aktar bazici li hemm bzonn) u fil-kaz ghandhom jittiehdu passi kriminali kontrih talli taf dahak bil-Gvern u ta parir falz biex ifarfar mir-responsabilta jew ghax taf addirittura hu fl-interess ulterjuri tieghu, u li konsegwenza t'hekk se jispicca jdahhal lill-Gvern fi spejjez kbar bla bzonn mit-taxxi tal-poplu u jkun ukoll ta' nkonvenjent kbir ghall-istaff u l-pazjenti minhabba t-trasferimenti li qed isiru. Jekk tonqos minn dan inzomm responsabbli lilek bhala ufficjal pubbliku li gejt taqa' u tqum mill-hela ta' flus ta' fondi pubblici (l-intenzjoni wara din l-email hi propju biex ikolli prova digitali li nfurmajtek bil-kaz).

Issa nigu ghat-trasferimenti tal-pazjenti li qed isiru. Mela sussegwentament lejn Novembru '17 kienu ghamlu bhal travetti bil-fallakki f'dik il-parti tal-lemin ta' MW3B biex suppost izomm is-saqaf li f'salt wiehed gabuh li kien hekk ikkundannat li se jaqa' (qabbel mal-kaz tieghi meta semmejt li wara li kont ghamilt 'l fuq minn 15-il sena u nofs nahdem minghajr ma qatt ma htiegli niehu gurnata sick leave minkejja li qatt ma hadt kura ta' xejn, f'salt wiehed ivvintawli kemm Alla halaq mard mentali gravissimu u kronaku kollu bla bazi xjentifika, u ara jigikx suspett ta' qerq, ta' xi haga ntenzjonalment hazina). F'dan iz-zmien (Nov '17) nehhew il-pazjenti kemm mis-sala ta' fuq MW3B, u kemm mis-sala t'Isfel MW3A li kienu fuq dik ix-xaqliba tal-lemin u tefghuhom mgezzin kollha go kamra akbar li kien hemm fis-swali rispettivi (fil-kaz ta' MW3A kienet dik tat-TV li ironikament tigi fuq l-istess naha cioe dik tal-lemin, litteralment hawwadni ha nifhmek). Forsi minn xi sena l'hawn kienu bdew inaqqsu ftit ftit mill-pazjenti jitfghuhom go swali ohra sakemm gew xi 30 f'kull sala (minn xi 40). Issa f'salt wiehed qisu mill-bidu tax-xahar l-iehor, Settembru '19, nahseb wara li kienu xebghu isaqsuh nahseb tan-Net fuq x'qed isir fl-isptar Monte Carmeli, kien deher il-Ministru Chris Fearne fuq l-ahbarijiet u biex taparsi sa fl-ahhar jigi jidher li ha azzjoni semma' li kienu se jinghalqu fil-qrib 2 swali minn Monte Carmeli u jidher li kien qed jirreferi ghall-imsemmija swali ghax f'daqqa wahda hawn genn kbir biex jaghlqu mill-aktar fiss possibli dawn is-swali MW3A u MW3B. Issa dan biex tkun aktar vili, ma tghidx zviluppaw xi qsim fis-saqaf jew kunsenturi tghid qed icedi l-bini, assolutatment ma kien hemm xejn minn dan kollox baqa' kif kien. U erga aktar vili l-anqas ma tghid giet approvata applikazzjoni mill-Planning Authority biex jibdew iwaqqghu, jibdew bix-xogholijiet, assolutament xejn, fil-fatt iccekjajt fil-Mapserver tal-PA u qghada l-anqas biss saret applikazzjoni ta' xi forma ta' zvilupp/ rinovar fuq din il-blokka fejn hemm dawn l-imsemmija 2 swali tista' tahseb.

Fit-18 ta' Settembru 19 nehhew l-ahhar 13-il pazjent li kien fadal f'MW3B u tefghuhom mat-13-il pazjent li kien fadal f'MW3A. Imma haga l-anqas titwemmen, mis-sala MW3A kienu lahqu bdew inehhu is-sodod, litteralment igubu tal-van tal-imbarazz u jarmuhom ftit ftit (jew forsi taf int, taf spicca minflok ibieghhom lil homes fejn kienu

bdew jittrasferixxu lill-pazjenti, jaqla’ xi haga extra minn fuq dahar il-Gvern minn fuq sodod li kienu ghadhom tajbin). Allura x’gara, spiccaw mal-pazjenti li gew mit-3B, kellhom inizzlulhom ukoll 13-il sodda minn dik is-sala, ara x’ironija u x’tahwid u hela ta’ fondi pubblici, u fil-process spiccaw ghamlu hsara mhux hazin fit-tarag tal-irham biex nizzluhom minn fuq ghal isfel, kollox ala salvagga u b’vendikazzjoni, f’xi kazi litteralment jislajdwhom minn fuq l-iskaluni tat-tarag tista’ tahseb xi storbju u frakass. Imsomma, wara li rrejalizzaw l-izball kienu lahqu ramew kemm felhu sodod, issa gabu 2 containers fuq barra u qed jitfghu xi sodod li fadal fihom, u ovvjament nassumi spejjez ohra ghall-Gvern bil-kiri ta’ dawn il-containiers. Rigward in-nurses u l-istaff li kien hawn f’dawn iz-zewg swali, dawn bdew iqassmuhom, minn ituh transfer f’Mater Dei u minn go xi ward ohra fl-isptar Monte Carmeli, hekk li ironikament fadal ftit biss minnhom, u spiccaw biex izommu l-compliment qed ikollhom idahhlu l-overtime biex jaghmel tajjeb ghan-nuqqas taghhom b’nurses ohra, ara kemm il-gvern qed tiswieh ghola u x’hela u sparpaljar sfaccat iehor ta’ fondi pubblici.

Ghall-pazjenti din hi trawma kerha u stress zejjed bla bzonn, wahda kulhadd inkwetat ma jafx fejn se jispicca u x’se jsib (taf int, forsi xi loki dejjem mimli hmieg jew xi erba’ jkunu bil-pirmli li jbellghulhom gabuhom il-hin kollu bil-bzieq niezel minn halqhom jew jaghmlu tahthom u litteralment timxi fl-ghadajjar tal-bewl, ecc.), u l-ohra wara li kienu draw lil xulxin ilhom zmien twil jghixu flimkien fis-swali rispettivi, issa se jkollom jaffacjaw ambjent totalment differenti bi staff, regoli u pazjenti godda bil-problemi taghhom, thossok litteralment fejn jitfghuk qisek huta barra mill-ilma. Imma mhux biss, f’din il-konfuzjoni totali, xi whud trasferewhom f’sala (eg certu wiehed ingliz Alan Bain) u mbaghad regghu gabuh lura u baghtu lill-haddiehor floku (forsi jkun irrangalu xi ras kbira), ohrajn tefghuhom f’xi wards ohra fl-isptar u wara xi jiem tawhom transfer iehor go xi dar/home privata (qed isemmu Tas-Sliema, Wied il-Ghajn, Naxxar, immagina kemm qed tiswih biz-zalza lill-Gvern ghal kull pazjent li qed jibghat ghand il-privat). Issa immagina dak il-parir li ta l-perit kien falz, ara f’liema spejjez enormi qed idahhal lill-Gvern (flok sempliciment irrangaw il-hsara fis-saqaf f’MW3B kif ghamilt jien id-dar u kienu jiffrankaw dawn l-ispejjez kollha) u addirittura jidher li mhux sempliciment behsiebhom jibdlu is-saqaf is-suppost il-hazin imma milli smajt jidher li behsiebhom iwaqqghu l-blokka kollha, ara x’hela akbar ta’ fondi pubblici u addirittura ta’ rizorsi kapitali, qed nghidu telf ta’ 2 swali li b’kollox kienu jesghu 80 pazjent (jekk niehdu li fl-isptar hawn madwar 600 pazjent (jew 300?), tigi naqqastlu bi 13% (jew 26% ?) tal-kapacita tieghu). Apparti dan is-sala MW3A ma fihix hsarat strutturali u ma narax ghaliex ghandhom jaghlqu lilha wkoll u qed joholqu dan l-inkonvenjent kollu fuq il-pazjenti (apparti li kieku vera hemm il-hsara fis-saqaf tal-bejt jkun jistghu jahdmu xorta wahda jkissruh bil-jack hammer minghajr ma jkun ta’ periklu ghas-sala fis-sular ta’ taht MW3A u minghajr ma jkollhom ghalfejn ibattluha mill-pazjenti).

Jien wiehed min dawk li ghadni mdendel qed f’sala MW3A ma nafx fejn se nispicca. Bhalissa ghandi kamra ghalija fejn ghandi laptop inzomm lili nnifsi l-hin kollu okkupat daqqa nitghallem xi lingwa gdid tal-computer, daqqa ni-*scan*-ja xi ktieb naqilbu digital qed nigbor kemm niflah artikli fuq rahli, u dejjem ghaddej. Peress li jien qed hawn bil-Qorti, fejn se jitfghuni x’aktarx se nispicca f’xi dormitorju ma pazjenti ohra fl-isptar Monte Carmeli stess u x’aktarx ma nkun nista’ naghmel xejn minn dan kollu u tista’ timmagina dawk is-sighat kollha ghandhek tant affarijiet x’taghmel u ma tista’ taghmel xejn kif tispicca tiddispra. Apparti dan, f’dan is-suppost sptar kullhadd ipejjep galor, wara kollox kif tridhom jghadduha l-gurnata, u peress li jien kelli l-asthma fil-passat jekk nispicca f’xi dormitorju ma pazjenti ohra hemm cans kbir li bit-tipjip taghhom nispicca nerga nimrad bl-asthma. Ghalhekk jekk jigri dan ghandhekk izzommhom responsabbli tal-hsara li se jikkagunawli f’sahhti. Apparti dan jekk nispicca nimrad, il-Gvern se jidhol f’aktar spejjez ghax ikollu jipprovdili l-inhalers u allura aktar sparpaljar ta’ flus ghalxejn.

Bhalissa f’MW3A fadal jien u xi 10 pazjenti ohra nistennew minn hin ghall-iehor il-kundanna. Ghalhekk nitolbok b’mod immedjat biex:

1. Twaqqaf it-trasferimenti taghna l-pazjenti la m’ahna qedghin assolutament fl-ebda periklu fejn qedghin f’MW3A u ma tghidx imminenti li se jibda xi xoghol, u tara li dawn it-trasferiment ma jitkomplewx qabel ma jsiru l-investigazzjonijiet li hemm bzonn msemmija hawn taht.

2. Investiga dawk il-pazjenti li qed jintbaghtu f’homes tal-privat, jekk saritx offerta pubblika mill-Gvern u jekk intaghzlitx l-aktar wahda vantaggjuza, jew forsi hemm lokk ta’ korruzjoni taf hemm erba’ t’idjar ta’ xi bazuzli tal-qalba qed igawdu aktar minn ohrajn.

3. Investiga ‘l ghaliex jekk sempliciment hemm il-hsara fil-parti tal-lemin tas-saqaf tas-sala MW3B, flok jirrangaw dik il-parti tas-saqaf se jispiccaw iwaqqghu l-blokka kollha.

4. Investiga il-mottiv wara din l-ghagla sfrenata kollha biex f’salt wiehed iridu jaghlqu dawn l-imsemmija swali wara li kienu ghaddew kwazi sentejn mill-2017 u baqghu m’ghamlu assolutament xejn. Ghaliex ma bdewx jirrangaw mill-bidu, forsi jekk kien hemm xi hsara ma kinietx taggrava, forsi jekk kien diehel xi ilma tax-xita jitranga, ecc? Investiga jekk zdiditx il-hsara jew baqa’ kollox l-istess u jekk zdiedet minn se jkun responsabbli talli kien baqa’ ma sar xejn u jekk ma zdiditx ghaliex din l-ghagla sfrenata, x’inhu l-iskop warajha? U ghaliex din l-ghagla sfrenata jekk ghadhom lanqas biss saru appikazzjonijiet ta’ zvilupp/rinovar/twaqqigh quddiem il-PA rigward dawn is-swali? Ma setghax bhalma ilhom sentejn ma

ghamlu xejn jistennew naqra ohra sakemm xi darba johorgu l-permessi necessarji u jevitaw spejjez inutli lill-Gvern minn zmien hekk kmieni ghalxejn?

5. Tara li ssir inkjesta pubblika dwar x'testijiet ghamel il-perit u jekk ghamilx rapport falz biex ifarfar mir-responsabilta u qed jispicca jdahhal lill-Gvern f'dawn l-ispejjez kollha ghalxejn. Investiga jekk hemm kunflitti t'interess, jekk hux fl-interess ta' certi ndividwi biex jitwaqqa' l-bini ghax se jdahhlu kemxa flus tajba mill-bicca fosthom taf l-istess perit li suppost ghamel ir-rapport. Kif intghazel dan il-perit, saret xi sejha pubblika, hu xi perit tal-Gvern jew qabbdu xi bazuzlu u kollox kien ippjanat minn qabel, sar premeditatament, biex jaghmel rapport falz ghall-interessi ta' xi whud u l-poplu jhallas it-taxxi u l-bolla – ezempju klassiku ta' korruzjoni rampanti. Ara jekk sarx rapport bil-miktub jew sempliciment ftehim verbali biex il-perit aktar ifarfar mir-responsabilta.

6. Investiga jekk hargux tenders pubblici kif suppost biex isir ix-xoghol, mhux is-soltu erba' hbieb tal-qalba jiffangaw u allura lokk ta' korruzjoni u misappropjazzoni ta' fondi pubblici, ecc.

7. Investiga ghaliex il-maggor parti tan-nurses tas-swali msemmija nghataw transfer band'ohra biex flokhom qed jispiccaw jahdmu nurses ohra u jiddahhal l-overtime u aktar spejjez ghall-gvern.

8. Investiga ghaliex hekk vilment kienu bdew jigu mormija s-sodod biex wara spiccaw kellhom inizzlu s-sodod minn fuq u spiccaw fil-process ghamlu diversi hsarat fit-tarag tal-irham. Min kien ta l-ordni biex dawk is-sodod jintremew? Min se jerfa' r-responsabilta? Kemm qed jehel kuljum flus il-Gvern taz-2 containers li gabu biex jitfghu l-ftit sodod li salvaw li ma kienux lahqu ramew? Kemm kien l-ammont ta' sodod li lahqu ntremew bis-saqqijiet b'kollox? Ara x'hela ta' rizorsi apparti li komplew jimlew il-landfills bi skart bla bzonn.

9. Investiga minn fejn qed johorgu dawn l-ordnijiet ta' malajr u x'aktarx bla ppjanar serju minn qabel li konsegwenza t'hekk qed idahhlu lill-Gvern erga f'aktar spejjez. Forsi ghax sempliciment deher il-Minsitru Fearne fuq it-TV biex taparsi jigu jidhru li qed isir xi haga, dik serjeta? Jekk hu hekk tkun il-veru l-vergonja ta' dan il-Gvern, il-limitu ta' kull decenza, u dan Fearne ikollu jgorr ir-responsabilta talli ghax sempliciment biex jigi jidher li qed isir xi haga fl-isptar Monte Carmeli, qed idahhal lill-Gvern f'dawn l-ispejjez enormi u inutli ghalxejn u lill-pazjenti u l-istaff jghaddihom ghalxejn minn din it-trawma bit-trasferimenti, meta fil-fatt ghad m'hemm assolutament xejn ippjanat l-ebda xoghol li jsir ghal dawn is-swali u lanqas ma tghid zviluppawlhom xi forma ta' hsarat strutturali f'dawn l-ahhar jiem tghid forsi inqalghet xi emergenza.

10. Investiga min se jerfa' r-responsabilta jekk jitfghuni f'dormitorju ma pazjenti ohra u nispicca nimrad bl-asthma bit-tipjip kontinwu taghhom u aktar spejjez lill-Gvern ghax ikollu jipprovdili l-inhalers. Apparti dan, jien li ghandi l-iskola, ghandu jkolli dritt li jkolli fejn nuza l-laptop mhux nispicca ma nista' naghmel xejn. Ukoll suppost il-pazjenti jikklassifikawhom skont l-eta, il-mard taghhom ecc., cioe jien li fi kwazi 6 snin qatt ma wrejt sintomi ta' mard, ma nistghax nitpogga ma pazjenti kwalunkwe.

Tistaqsinix 'l ghaliex ma ktibtx lill-Kummissarju suppost ghas-Sahha Mentali John Cachia. Dan mill-esperjenza personali tieghi ghal darba tnejn u aktar jistma lill-pazjent bhall-annimal, litteralment tkun qed twaqqghalu d-dekor jekk jien, bicca pazjent m'jien tajjeb ghalxejn skont hu, niktiblu, tkun qed tahlilu l-hin, jigi jaqa' u jqum mill-ilment tal-pazjent, tista' tahseb jista' mhux jillupjak bil-pirmli u bl-injections il-Psikjatra bla bazi ta' xejn, x'jigi jitnejjek, ahseb u ara kemm se jhabbel rasu jekk inkellmu fuq is-sitwazzjoni li qed tizvolgi f'dawn l-imsemmija 2 swali li x'aktarx hu stess hu l-mohh warajha u fil-kaz irid jerfa' r-responsabilta hu wkoll ta' dan l-isparpaljar ta' flus li qed isir u trasferimenti ghalxejn ta' pazjenti u staff, ecc. Tista' jekk trid titlob l-ghajnuna tal-awditur la hemm fin-nofs possbilita kbira ta' sparpaljar ta' fondi pubblici mit-taxxi tal-poplu. Nerga ntenni punt 1, qabel kollox ordna li jitwaqqfu t-transfers tal-pazjenti li fadal f'MW3A fosthom jien, qabel ma jsiru l-investigazzjonijiet msemmija li hemm bzonn u jkunu individwati min huma dawk responsabbli ta' dan kollu li qed isir.

Minhabba din l-ghagla sfrenata li ghaddejjin biha, ma nistghax nistenna hafna. Ghalhekk se nistenna sa ghada t-Tlieta 15 t'Ottubru 2019 wara nofsinhar u jekk sa dak il-hin ma jittiehdux il-passi nececcarji, fosthom jitwaqqfu t-trasferimenti ta' pazjenti qabel ma ssir investigazzjoni kif suppost ta' x'fil-fatt qed jigri, se naghmel forward ta' din l-email lill-media. Ftakar li int ufficjal pubbliku, ma tistghax tfarfar kif gib u lahaq meta qed naghmel dawn l-allegazzjonijiet serjissimi fuq entita tal-Gvern u jinvolvu fondi pubblici mhallsa mit-taxxi tal-poplu. Ghal darb'ohra din l-email se nuzaha bhala prova digitali li nfurmajtek b'dan kollu.

Grazzi u tislijiet,

Nicholas Grech

(ID no: [redacted]M, Mob: [redacted])

Dan hu rendikont tal-ispejjez li dahal il-Gvern mhallsa mit-taxxi taghna tort ta' din l-ghagla sfrenata u stat ta' genn biex ifittxu ibattlu l-imsemmija swali u jigu jidhru taparsi qed jaghmlu xi haga, mhux ghall-gid tal-isptar jew tal-pazjenti ma tarax, imma ghall-gid tal-immagini taghhom, biex isalvawwicchom:

- Nehhew l-maggor parti tal-istaff originali li kien hawn f'dawn iz-2 swali biex qed ikollhom idahhlu nurses ohra flokhom overtime.
- Sodod mormija ghalxejn.
- Hsara irreparabbli fl-irhamar / skaluni tat-tarag li jghaqqad iz-zewg swali huma u jnizzlu s-sodod minn fuq ghall-isfel.
- Kiri ta' 2 containers kbar li ghamlu barra s-sala biex huma kwazi vojta wara li kienu lahqu ramew hafna mis-sodod.
- Trasferimenti ta' pazjenti f'homes tal-privat – immagina kemm qed ikollu jhallas biz-zalza l-Gvern
- Flok saret il-manutenzjoni u giet il-hsara li kien hemm bzonn fis-saqaf ta' MW3B li forsi kienet tlahhaq xi ftit eluf, se jispiccaw minflok iwaqqghu l-blokk kollu u nassumi li jekk jergghu jibnuh jigi jiswa l-miljuni (tghid mhux se jhalluh green area, l-anqas sigra ma jahmlu fit-triq u kullimkien jeqirdu r-raba jwessghu t-toroq).

---

---------- Forwarded message ---------
From: **Commissioner for Health** <ch@ombudsman.org.mt>
Date: Wed, Oct 16, 2019 at 9:11 AM
Subject: Każ Nru HT 0081
To: <[redacted]@gmail.com>

**Każ Nru HT 0081**

16 ta' Ottubru 2019

Is-Sur Nicholas Grech

E-mail – [redacted]@gmail.com

Għażiż Sur Grech

Bi tweġiba għall-email tiegħek tal-14 ta’ Ottubru 2019 nixtieq ngħidlek:

1. Jien iċċekkjati u jirrizulta lis-sala MW3A hija l-iktar sala fl-Isptar Monte Carmeli li jeħtiġilha tiswija estensiva.

2. Dwar li tkun f’sala fejn ma’ jkunx hemm tipjip nista’ ngħidlek li l-amministrazzjoni tal-Isptar qed jaraw kif ikunu jistgħu jakkomodawk.

3. Rigward li “*pazjenti jintbagħtu f’Homes tal-privat*” għandek tkun taf li d-Dipartiment tas-Saħħa u d-Dipartiment tal-Anzjani jibgħatu pazjenti f’diversi Homes u mhux f’Home waħda.

Inselli għalik

Charles Messina

Kummissarju għas-Saħħa

---

---------- Forwarded message ---------
From: **Nicholas Grech** <[redacted]@gmail.com>
Date: Wed, Oct 16, 2019 at 6:13 PM
Subject: Fwd: Każ Nru HT 0081
To: <office@ombudsman.org.mt>

Qed naghmel forward tal-email li baghtli l-Kummissarju tas-Sahha fi hdan l-Ufficju tieghek fejn jidher li int ghaddejtlu l-ilment li ressaqt quddiemek fejn dan qed jikkonferma kemm fil-fatt ma ccekja u ma vverifika xejn u nitlob biex tiehu l-kaz f'idejk u tinvestiga dawk id-diversi punti li semmejt fl-email li baghatlek fl-14/10/2019. Ma dawk il-punti xtaqt inzid dawn:

- Rigward dawn l-imsemmija swali MW3A u MW3B, jekk il-Gvern flok sempliment jirranga l-hsara li jista’ jkun hemm f’parti mis-saqaf tas-sala ta’ fuq, MW3B, behsiebu minflok iwaqqa’ l-blokka kollha minn fuq s’isfel, se jkun qed ukoll jitfa’ piz ghalxejn fuq il-landfills jimlihom b’terrapien zejjed ghalxejn meta diga ghandna problema kbira ma tantx hawn fejn tarmi rdim tal-kostruzzjoni, apparti ara kemm se jigi jiswa’ flus aktar lill-Gvern biex tibni kollox mill-gdid u tattrezzah mill-gdid.

- L-istaff li kien hawn f'dawn is-swali, fosthom diversi barranin indjani ecc. il-Gvern baqa' jzommhom fuq il-kotba tieghu ghax uhud diga tahhom transfer x'imkien iehor u 'l quddiem jaghmel l-istess mal-kumpalment, cioe l-Gvern se jibqa' jehel l-ispiza tal-pagi taghhom u taf ma jkun qed jiehu xejn minnhom ghax fejn qed jibghathom diga jkun hemm staff bizzejjed (l-aktar l-aktar forsi jiffranka xi ftit overtime ghax ihaddimhom bhala Releiver, qisu qed tghid jispicca jiffranka 1euro u jehel mitt euro). Cioe l-Gvern bil-pazjenti li qed jittrasferixxi fil-homes qed jispicca jehilha addirittura doppja: jrid ihallas lil tal-homes talli jzommulu l-pazjenti u xorta qed ihallas l-istaff li kellhom dawn is-swali ghalxejn.

- Ukoll, sakemm il-pazjenti koncernati kienu f'dawn is-swali, dawn ma kienu jhallsu xejn (fil-maggor parti, ma nafx ghaliex ma xi whud kien jaqtghalhom xi parti l-Gvern), cioe l-Gvern ma kien johdilhom xejn mill-pensjoni jew beneficcji socjali, izda fil-homes fejn qed jintbaghatu qed jissemma li se jaqtghulhom xi Eur200 fix-xahar. Din tkun diskriminatorja komparata ma pazjenti bhalhom li minflok se jittrasferuhom f'xi sala ohra fl-isptar Monte Carmeli stess fejn il-Gvern jibqa' ma johdilhom xejn. Cioe biex ma tkunx diskriminatorja, jew il-Gvern idahhal procedura li kull minn hu pazjent l-isptar jibda jaqtghalu wkoll mill-pensjoni bhalma se jigrilhom dawk il-pazjenti li jintbaghtu f'xi homes, jew inkella l-Gvern irid jissusidja lil dawk li se jibghat fil-homes biex jibqghu igawdu d-drittijiet bhalma kienu jgawdu meta kienu l-isptar f'dawn is-swali u huma wkoll ma jkollhomx ghalfejn ihallsu xejn.

- Ukoll whud mill-pazjenti li qed jintbaghtu fil-homes, kellhom il-vizzju tax-xorb u sakemm kienu l-isptar meta kienu johorgu barra bil-leave u meta jigu lura kienu kultant zmien johdulhom test tad-demm biex jaraw jekk xorbux u jekk hemmx tracci ta' alcohol fid-demm. Issa nassumi li fil-homes m'hemmx servizz ta' nurse li joqghod jiccekjalhom id-demm ghal kull haga ta' xejn, u allura dawn il-pazjenti hemm cans kbir li minghajr kontroll ta' xejn jispiccaw jergghu jaqghu fil-vizzju tax-xorb b'detriment ghal sahhithom.

Nicholas Grech

---

**Nicholas Grech** <[redacted]@gmail.com> Fri, Nov 8, 2019 at 2:43 PM
To: Deguara Charles at NAO <charles.deguara@gov.mt>

Il-veru hasra li allura minn zewg audits, propju jien li ghamilt ir-rapporti fuq sparpaljar ta' flus hekk sfaccat, ma kontx involut f' ta' lanqas wiehed minnhom biex kulhadd, flimkien mieghi u mal-amministrazzjoni tal-isptar taraw b'ghajnejkom dak li jien allegajt u nikkuntrastaw lil xulxin. Dan qed nassumi li l-audits taghkom kienu jinvolvu biss l-amministrazzjoni tal-isptar li ma nahsibx se jaslu biex jikxfu lilhom infushom fuq in-nuqqasijiet taghhom stess, qisu kien hemm wiehed li rrapporta lill-Pulizija li t-tali mar jisirqu u l-Pulizija saqsew lit-tali jekk hux veru, u ovvjament dan se jghidilhom li le. Hu ovvju li mhux fl-interess tal-amministrazzjoni tal-isptar li juri kemm huma nkompetenti, bit-traskuragni li hallew l-isptar jaqa' fih, fil-logistika ghal kollox inezistenti (bhal jibdew jirrangaw post u mbaghad bhal donnu jieqaf kollox wara li jkunu lahqu nefqu xebgha flus, jew jibdlu saqaf ta' ward imma ghall-ward ohra jaghzlu li minflok iwaqqghu l-blokka kollha, ecc.) u propju bl-isparpaljar ta' flus fl-isptar li dahlu l-Gvern ghalxejn mit-taxxi tal-poplu li kien is-suggett tal-emails li baghat lill-ufficju tieghek.

Nispera biss li jien zbaljat. Ghad ghandi fiducja li l-ufficju tieghek jista' jaghmel differenza, li se jaghmel l-investigazzjonijiet li hemm bzonn u min hu responsabbli ghal dan l-isparpaljar tal-flus jittiehdu passi kontrihom. M'ahniex qed nitkellmu fuq kwistjoni ta' ftit eluf ta' liri, imma mijiet t'eluf, possibilment miljuni ta' spejjez li dahlu jew se jispiccaw idahhlu lill-Gvern ghalxejn.

Nicholas Grech
(ID no: [redacted]M)
[Quoted text hidden]